Mellieħa

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**
126, Triq il-Mitħna l-Ġdida,
Mellieħa

IS-SITT KUNSILL

14 ta' Marzu 2012

**Is-Seba' u Sittin seduta tas-Sitt Kunsill Lokali Mellieħa ser issir nhar it-Tlieta, 20 ta' Marzu 2012 fis-7.00 pm, fl-indirizz t'hawn fuq.**

## AGENDA

1. Qari u korrezzjoni tal-minuti
2. Materji mqajjma fil-minuti
3. Korrispondenza
4. Skedi ta' Xiri u Ħlasijiet
5. Sejħa għall-offerti Nru. 5/2011 – Provista u tqegħid fil-post ta' *rubber flooring* bħala parti mill-proġett tal-Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ.
6. Sejħa ghall-offerti Nru. 7/2011 – Provista u nstallazzjoni ta' sistema ta' pannelli fotovoltaiċi fi Ġnien Dun Anton Debono f'Tal-Ibraġ.
7. Sejħa għall-offerti Nru. 9/2011 – Provista u tqegħid fil-post ta' *safety fencing* fi Ġnien il-Qigħan mal-ġnub li jmissu mar-residenza għall-anzjani, Dar il-Madonna tal-Mellieħa fi Triq Qasam Barrani.
8. Sejħa għall-offerti Nru. 10/2011 – Rinovar tal-installazzjoni elettrika fi Ġnien il-Qigħan, Triq Qasam Barrani.
9. Sejħa għall-offerti Nru. 2/2012 – Miżura 313 - Proġett ta' *heritage trail* f'Selmun – Restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': (a) Ċentru ta' Informazzjoni u Xogħlijiet relatati; (b) Xogħol relatat ma' Arkitettura, Mekkaniku u ta' Inġinerija; (c) Restawr ta' Strutturi u Xogħlijiet relatati; u (d) Titjib ta' Aċċess u Xogħlijiet relatati.
10. Sejħa għall-offerti Nru. 3/2012 - Miżura 313 - Proġett ta' *heritage trail* f'Selmun – Restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': (a) Pavimentar, Ħolqien ta' Passaġġi u Interventi oħra; u (b) Tabelli Informattivi u Xogħol relatat.
11. Sejħa għall-offerti Nru. 4/2012 – Miżura 323 – Proġett ta' *heritage trail* f'Selmun – Restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili relatat ma' arkitettura, mekkaniku u ta' inġinerija.

\\Lme65458\data\Documents\Council Agendas\Agd6_67.doc

12. Sejħa għall-offerti Nru. 5/2012 – Miżura 323 – Proġett ta' *heritage trail* f'Selmun – Restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili relatat ma': (a) Restawr u konservazzjoni ta' strutturi rurali u tat-Tieni Gwerra Dinjija; (b) Titjib ta' aċċess għal strutturi rurali u tat-Tieni Ġwerra Dinjija; u (ċ) Xogħol ta' inġinerija ċivili sabiex jinħoloq ċentru ta' informazzjoni u *heritage trail*.

13. Sejħa għall-offerti Nru. 6/2012 – Miżura 323 – Proġett ta' *heritage trail* f'Selmun – Restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili relatat ma': (a) Provista u twaħħil fil-post ta' tabelli informattivi; u (b) Kostruzzjoni ta' pavimentar, indikazzjoni ta' *heritage trail* u faċilitajiet anċillari.

14. Sejħa għall-offerti Nru. 7/2012 – Xogħlijiet ta' tisbiħ u titjib fis-sigurta` fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ, Mellieħa.

15. Sejħa għall-offerti Nru. 8/2012 - Xogħlijiet ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

16. Rendikont Finanzjarju – Ottubru / Diċembru 2011

    Materji Oħra

C. Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

## MOZZJONIJIET

5 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

"Billi saret sejħa għall-offerti (5/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li jiġi fornut u mqiegħed fil-post *rubber flooring* in konnessjoni mat-twettieq tat-Tieni Fażi tal-Proġett Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ;

Billi l-offerti li ġew sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board* wara rapport tekniku tal-perit inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tat-13 ta' Marzu 2012;

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7505);

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija 240 Ltd, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-offerent imsemmi. ". (P/4/6/Vol III)

Robert Cutajar - Sindku
Proponent

John Buttigieg - Kunsillier
Sekondant

6 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku li tgħid:**

"Billi saret sejħa għall-offerti (7/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li tiġi fornuta u nstallata sistema ta' pannelli fotovoltaiċi fi Ġnien Dun Anton Debono f'Tal-Ibraġ;

Billi l-offerti li ġew sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board* wara rapport tekniku mill-inġinier inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tat-13 ta' Marzu 2012;

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7521), filwaqt li l-Kunsill ġie allokat €3,300 taħt l-Iskema dwar Enerġija Nadifa (Memo 10/2010), skont ittra mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali datata 21 ta' Marzu 2011;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija Alberta Fire & Security Ltd, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-istess offerent. ". (P/4/24)

Emvin Bartolo – Viċi Sindku
Proponent

John Buttigieg - Kunsillier
Sekondant

7 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Buttigieg li tgħid:**

"Billi saret sejħa għall-offerti (9/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li jiġi fornut u mqiegħed fuq il-post *safety fencing* madwar żewġ naħat ta' Ġnien il-Qigħan fi Triq Qasam Barrani u hekk titjib is-sigurta` fl-istess ġnien;

Billi l-offerti li ġew sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board* wara rapport tekniku mill-inġinier inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tad-29 ta' Frar 2012;

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7525);

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija 240 Ltd, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-istess offerent. ". (P/2/1)

| | |
|---|---|
| John Buttigieg - Kunsillier<br>Proponent | Robert Cutajar - Sindku<br>Sekondant |

8 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier J. Buttigieg li tgħid:**

"Billi saret sejħa għall-offerti (10/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li tiġi rinovata l-installazzjoni elettrika ta' Ġnien il-Qigħan fi Triq Qasam Barrani;

Billi l-offerti li ġew sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board* wara rapport tekniku mill-inġinier inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tad-29 ta' Frar 2012;

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7525);

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-offerent Bonnici Group, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-istess offerent. ". (P/2/1)

| | |
|---|---|
| John Buttigieg - Kunsillier<br>Proponent | Emvin Bartolo – Viċi Sindku<br>Sekondant |

9. **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku E. Bartolo illi tgħid:**

"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €576,171 taħt il-Miżura 313, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;

Billi skont il-ftehim iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, għandu jsir restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': (a) Ċentru ta' Informazzjoni u xogħlijiet relatati; (b) Xogħol relatat ma' arkitettura, mekkaniku u ta' inġinerija; (ċ) Restawr ta' Strutturi u Xogħlijiet relatati; u (d) Titjib ta' Aċċess u Xogħlijiet relatati; u

Billi saret sejħa għall-offerti (2/2012) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tat-tliet offerti li sussegwentement saru;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent Salamanda Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol III)

Emvin Bartolo – Viċi Sindku
Proponent

Hilary Fenech - Kunsillier
Sekondant

10. **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Patrick Cutajar illi tgħid:**

"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €576,171 taħt il-Miżura 313, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;

Billi skont il-ftehim iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, għandu jsir restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': (a) Pavimentar, Ħolqien ta' Passaġġi u Interventi oħra; u (b) Tabelli Informattivi u Xogħol relatat; u

Billi saret sejħa għall-offerti (3/2012) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tat-tliet offerti li sussegwentement saru;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent Salamanda Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol III)

Patrick Cutajar – Kunsillier
Proponent

Joseph Azzopardi - Kunsillier
Sekondant

11. **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Hilary Fenech illi tgħid:**

"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €330,001 taħt il-Miżura 323, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;

Billi skont il-ftehim iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, għandu jsir restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': Restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili relatat ma' arkitettura, mekkaniku u ta' inġinerija; u

Billi saret sejħa għall-offerti (4/2012) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tat-tliet offerti li sussegwentement saru;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent Salamanda Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol III)

Hilary Fenech – Kunsillier
Proponent

Joseph Azzopardi - Kunsillier
Sekondant

12. **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Joseph Azzopardi illi tgħid:**

"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €330,001 taħt il-Miżura 323, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;

Billi skont il-ftehim iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, għandu jsir restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': (a) Restawr u konservazzjoni ta' strutturi rurali u tat-Tieni Gwerra Dinjija; (b) Titjib ta' aċċess għal strutturi rurali u tat-Tieni Ġwerra Dinjija; u (ċ) Xogħol ta' inġinerija ċivili sabiex jinħoloq ċentru ta' informazzjoni u *heritage trail*; u

Billi saret sejħa għall-offerti (5/2012) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tat-tliet offerti li sussegwentement saru;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent Salamanda Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol III)

Joseph Azzopardi – Kunsillier
Proponent

Emvin Bartolo – Viċi Sindku
Sekondant

13. **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Joseph Azzopardi illi tgħid:**

"Billi permezz tal-Programm dwar l-Iżvilupp Rurali ta' Malta 2007-2013, iffinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Rurali, ġiet allokata s-somma ta' €330,001 taħt il-Miżura 323, bil-għan li jinħoloq *heritage trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ;

Billi skont il-ftehim iffirmat mal-Aġenzija tal-Pagamenti fi ħdan il-Ministeru għar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali, għandu jsir restawr, konservazzjoni, kostruzzjoni u xogħol ta' inġinerija ċivili marbut ma': (a) Provista u twaħħil fil-post ta' tabelli informattivi; u (b) Kostruzzjoni ta' pavimentar, indikazzjoni ta' *heritage trail* u faċilitajiet anċillari; u

Billi saret sejħa għall-offerti (6/2012) skont ir-Regolamenti tal-Kunsilli Lokali (Offerti) (Avviż Legali 157 tal-1993) u r-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (Avviż Legali 177 tal-2005) sabiex jitwettaq ix-xogħol imsemmi, kif ukoll saret l-evalwazzjoni mit-*Tender Adjudication Board* tat-tliet offerti li sussegwentement saru;

Il-Kunsill jirriżolvi li l-kuntratt illi jipprovdi għal dan ix-xogħol għandu jigi ffirmat mal-offerent Salamanda Ltd, skont il-kundizzjonijiet inklużi fid-dokument tal-offerta.". (P/10/3/Vol III)

Joseph Azzopardi – Kunsillier
Proponent

Emvin Bartolo – Viċi Sindku
Sekondant

14 **Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:**

"Billi saret sejħa għall-offerti (7/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li jsiru xogħlijiet ta' tisbiħ u titjib fis-sigurta` fil-*Playing Field* ta' Triq l-Erwieħ;

Billi ż-żewġ offerti sottomessi sad-data tal-għeluq ġew evalwati mill-*Tender Adjudication Board* wara li ra r-rapport tekniku tal-perit inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tat-13 ta' Marzu 2012;

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7519), filwaqt li ser tiġi sottomessa talba lill-MEPA bil-għan li l-ispiża tal-proġett tiġi rkuprata mill-Fond għat-Titjib Urban (*UIF*);

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija Homeworxs Plus Ltd, skont ir-rati ndikati fis-sottomissjonijiet li saru mill-offerent imsemmi. ". (P/4/14)

Emvin Bartolo – Viċi Sindku
Proponent

Joseph Azzopardi - Kunsillier
Sekondant

**15 Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:**

"Billi saret sejħa għall-offerti (8/2011) skont l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li jsiru xogħlijiet ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II;

Billi l-unika offerta sottomessa sad-data tal-għeluq ġiet evalwata mill-*Tender Adjudication Board* wara li ra r-rapport tekniku tal-perit inkarigat mill-proġett, skont kif jidher fil-minuti tal-istess Bord tat-13 ta' Marzu 2012;

Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma ta' €407,677 (Vot 7510), sabiex tkopri l-proġett imsemmi, liema ammont ser jiġi rkuprat bis-saħħa ta' għotja approvata mis-Segretarjat Parlamentari għall-Konsumatur, Kompetizzjoni Ġusta, Kunsilli Lokali u Konsultazzjoni Pubblika, permezz tal-Vot Nru. 5569 – *Local Councils' Special Initiatives*, skont ittra datata 29 ta' Diċembru 2011;

Il-Kunsill jirriżolvi illi għandhom jsiru kuntatti bejn l-offerent Central Asphalt Ltd u l-perit inkarigat mill-proġett, bil-għan li tiġi evalwata l-ħtieġa ta' ċerti xogħlijiet proviżorji inklużi fil-*bill of quantities* bl-iskop ewlieni li titnaqqas l-ispiża finali b'tali mod li tinġieb fil-limiti tas-somma allokata fl-estimi għas-sena 2012.. ". (P/4/20/Vol III)

Robert Cutajar - Sindku
Proponent

John Buttigieg - Kunsillier
Sekondant